**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 52

It-Tlieta, 16 ta' Diċembru, 2014

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Peter Bonello | Preżenti |
| Viċi President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Preżenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Kunsillier Il-Gżira | Joe Camilleri | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Skużata |
| Sindku Il-Pieta' | Keith Tanti | Preżenti |
| Sindku L-Iklin | Anthony Dalli | Skużat |
| Kunsillier Ħal Balzan | Stephen Gatt | Preżenti |

**UFFIĊĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv : Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 51 li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Novembru, 2014, kienu approvati unanimament.

## 2. KORRISPONDENZA

### *2.1 Kunsill Lokali San Ġiljan*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq ittra mingħand il-Kunsill Lokali ta’ San Ġiljan fejn spjega li l-Kunsill ser itella’ *Sports Fest* u l-ispiża ser tammonta għal €5,000.00. Għal din ir-raġuni, is-Sur Bonello talab l-approvazzjoni tal-membri tal-Kumitat biex is-somma tittieħed mill-ammont tat-tqasssim dovut lill-Kunsill Lokali ta’ San Ġiljan.

Għal din ir-raġuni l-membri tal-Kumitat approvaw unanimament din l-applikazzjoni.

## 3. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

### *3.1 Informazzjoni mitluba mill-Kunsilli Lokali*

Il-Kunsillier ta’ Ħal Balzan, is-Sur Stephen Gatt, staqsa fuq punt numru 4.6.c tal-Minuti numru 51, fejn talab spjegazzjoni aktar ċara fuq il-proposta tas-CCTVs.

Il-Kunsillier tal-Gżira, is-Sur Joe Cammilleri, spjega li kull Kunsill għandu jipporponi l-aħjar post fejn din is-CCTV għandha titwaħħal fil-lokalità tiegħu u l-Pulizija jiddeċiedu liema hu l-aktar post adegwat minn fost it-tlettax-il lokalità li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

## 4. PERFORMANCE BONUSES

### 4.1 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq fuq il-mejda ir-rapport tal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea. Huwa kkonferma li s-Sinjura Galea għandha tingħata il-full bonus ta’ 10% tas-sitt xhur li ilha taħdem fi ħdan ir-Reġjun.

Fuq proposta taL-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mill-Kunsillier ta’ Ħal Balzan, is-Sur Stephen Gatt, il-*performance bonus* tas-Sinjura Galea ġie approvat unanimament.

### 4.2 Performance Bonus tal-Ħaddiema Klerikali

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda l-*performance reports* tal-Ħaddiema:

- Sinjorina Lydia Zammit – Reġistratur – 6%
- Sinjorina Roberta Carabott – 6%
- Sinjorina Isabelle Cini – 6%
- Sinjura Marthese Bonavia – 6%
- Sinjura Alexandra Tabone – 6%
- Sinjura Jennifer Soler – 6%

Dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament mill-membri kollha tar-Reġjun.

## 5. Accountant

L-Accountant mill-kumpanija Nexia BT, is-Sur Brendan Camilleri, ta spjegazzjoni tal-pużizzjoni finanzjarja ta' dan ir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda l-Audit Report għas-sena 2013 maħruġa mill-Awdituri, Grant Thornton.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, sostniet mal-Accountant li sal-laqgħa li jmiss għandu jirrispondi l-ittra għall-audit report u jieħu ħsieb li jimxi skont ir-rakomandazzjonijiet li għamlu l-awdituri għar-raġuni li skont dawn l-awdituri, għad hemm rimarki li kienu saru fir-rapport tas-sena ta' qabel u li s'issa kienu għadhom ma twettqux.

Is-Segretarju Eżekuttiv insistiet mal-accountant biex jieħu ħsieb li dawn il-punti ta' awditur jiġu osservati b'effett immedjat.

Is-Sur Bonello spjega li skont il-kalkoli mogħtija mill-accountant, ir-Reġjun għandu jħalli €250,000 fil-kont bankarju u l-kumplament għandhom jitqassmu lil-lokalitajiet li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun skont il-persentaġġ taċ-ċitazzjonijiet.

Il-membri tal-Kumitat qablu ma' din il-proposta.

Is-Sur Joe Camilleri xtaq spejgazzjoni fuq l-ammont kbir minħabba L-FS5s li għandhom qed jidhru pendenti.

Is-Sur Brendan Camilleri spejga li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien għadu ma bagħthomx lid-Dipartiment tat-taxxa u għal din ir-raġuni kienu għadhom pendenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, żiedet tgħid li dawn ser jiġu finalizzati u kull pagament li qiegħed b'lura qed jitħallas biex ir-Reġjun ikollu stampa ċara tal-pożizzjoni finanzjarja.

Il-President, is-Sur Bonello, sostna li l-pagamenti qed jiġu kollha aġġornati.

Is-Sur Bonello żied jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, flimkien mal-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, għandhom jagħmlu laqgħa mas-Sur Brendan Camilleri u wara tingħata l-informazzjoni tal-ammonti lill-membri tar-Reġjun.

***Fis-6:10pm is-Sinjur Keith Tanti skuża ruħu mil-laqgħa peress li nqalgħet urgenza.***

6. ***THE COMPUTER TRAINING COURSE*** **(TCTC) – Is-Sur Ray Abela, Direttur Maniġerjali**

Is-Sur Ray Abela ta spejgazzjoni tal-proposta tiegħu f'isem il-kumpanija, TCTC.

Hu spjega kif it-tagħlim fuq il-kompjuters li qed jiġi organizzat fil-komunitajiet għandhom jibdew jiġu organizzati wkoll bħala Reġjun biex dawk il-lokalitajiet li minħabba nuqqas ta' rizorsi (limitazzjoni finanzjarja jew post) qatt ma setgħu jippartecipaw ikunu jistgħu jagħmlu dan bl-għajnuna tar-Reġjun u mhux individwalment.
Għal din ir-raġuni għandu jkun hemm ftehim bejn il-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun dwar liema ċentri jistgħu jintużaw biex isiru dawn il-korsijiet.

Is-Sur Abela spjega wkoll li l-aktar żewġ proġetti popolari huma l-Learn-IT u l-Ikids.

Is-Sur Bonello staqsa xi spejjeż jinvolvi.

Is-Sur Abela spejga li l-ispiża ta' kull Kunsill Lokali tkun ta' madwar €1,100 u li kull proġett jiswa €5,000. Din l-ispiza tinħareġ mir-Reġjun.

Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, spjega li fil-każ tiegħu, il-Kunsill xtaq jidħol għal dan il-proġett iżda peress li l-ammont ta' dħul ma kienx ser jirrendi mal-ispiża, il-kors kellu jiġi kkanċellat.

Is-Sur Abela spjega li s-sejħa għal-Learn-IT għadha kemm għalqet iżda xtaq jiġi jkellem lill-membri tar-Reġjun biex jibda jaħseb għall-proġett tal-Ikids, jekk ir-Reġjun ikun interessat li jippartecipa b'dan il-mod.

Wara li s-Sur Abela kien skużat mill-kamra, is-Sur Peter Bonello ppropona li din għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, spejga li peress li ċ-ċifra taqbez £1,165 ma tkunx tista' tinħareg *Direct order*.

Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li minhabba li l-ammont jaqbez il-*procurement limit*, tkun trid tniħareġ sejħa għall-offerti.

Is-Sur Peter Bonello qal li din għandha tkun *item* fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 7. Mistoqsijiet

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri tar-Reġjun.

### 7.1 It-Tribunal

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana staqsa fuq il-pużizzjoni tas-seduti tat-tribunal fil-preżent.

Is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai staqsiet ukoll jekk ix-xogħol naqqasx.

Għal dawn iz-żewġ mistoqsijiet, is-Sur Peter Bonello spjega li r-rutina tas-seduti tat-tribunal reġgħet giet għal kif kienet qabel u għal din r-raġuni l-volum tax-xogħol reġa' ġie lura għan-normal.

Spjega wkoll li l-impjegata temporanja fuq bazi part-time għandha tibqa' sa Diċembru 2014 u li r-Reġjun għadu kif ġab l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ir-Reġjun jibda bil-proċess għas-sejħa ta' żewġ Executive Officers fuq bażi full time.

Is-Sur Stephen Sultana qal li mhux sew li persuna li kienet ta' għajnuna waqt li r-Reġjun kellu pressjoni ta' xogħol kbira għandha tispiċċa b'dan il-mod meta wieħed iqiss li hemm żewġ impjegati li ser jispiċċaw dalwaqt. .

Għal dan il-kumment, is-Sur Bonello ssuġġerixxa li dan il-punt għandu jitqajjem aktar 'l quddiem u naraw f'liem pożizzjoni nkunu wara li jispiċċaw dawn iż-żewġ ħaddiema.

Is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk għadx hemm il-ħtieġa biex nimpjegaw żewġ persuni full time peress li x-xogħol reġa' ġie lura għan-normal.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li fil-preżent ir-Reġjun għandu żewġ ħaddiema li għalqu s-sittin sena u li peress li dawn għandhom jispiċċaw, ir-Reġjun għandu jibda l-proċess ta' reklutaġġ fuq l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għalhekk permezz tal-karigi vakanti l-ġodda ser ikun qed jiġu sostitwiti dawn iż-żewġ ħaddiema u r-Reġjun mhux ser ikun qiegħed iżid in-numru tal-impjegati li għandu fil-preżent.

***Fis-6:45pm is-Sur Keith Tanti reġa' ġie lura għal-laqgħa.***

### 7.2 Tqassim ta' flus

Il-Kunsillier, is-Sur Joe Camilleri, staqsa jekk ir-Reġjun hux ser jerġa' jqassam flus mid-dħul taċ-ċitażżjonijiet. Staqsa wkoll jekk ir-Reġjun għandux jibda minn ammont ta' tluq bejn il-lokalitajiet kollha u l-kumplament tal-ammont jinqasam skont il-persentaġġi mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet.

Is-Sur Bonello spjega li biex isir hekk, is-Sindki ta' San Ġiljan, tas-Sliema, Birkirkara u Ħ'Attard iridu jaqblu.

Is-Sur Camilleri qal li dan għandu jgħaddi b'vot.

Is-Sur Keith Tanti spjega kif hu qatt ma ppretenda li l-Kunsill Lokali tiegħu jitqabbel mal-Kunsilli Lokali l-kbar u jkollhom persentaġġ aħjar pero għandu jkun hemm somma minima għal kulħadd.

Is-Sur Joe Camilleri żied jgħid li wara kolllox, kulħadd qiegħed iħallas l-istess spejjeż u li l-kont tal-Guard and Warden Services Ltd, ma jinqasamx proporzjonalment imma jinħareġ minn kont wieħed.

Is-Sur Keith Tanti żied jgħid li l-ispeed camers huma kollha allokati f'Toroq arterjali

Is-Sur Bonello ressaq mozzjoni li meta jsir it-tqassim, il-Kunsill Lokali kollha fi ħdan ir-reġjun għandhom jingħataw 2.5% bħala ammont ta' tluq.

Din il-mozzjoni ġiet approvata, bis-Sur Peter Bonello, is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai, is-Sur Maximillian Zammit, is-Sur Stephen Gatt, is-Sur Stefan Cordina, is-Sur Anthony Chircop, is-Sur Stephen Sultana, is-Sur Joe Camilleri u s-Sur Keith Tanti favur. Filwaqt li s-Sinjura Rita Borg u s-Sur Dominic Cassar ivvutaw kontra.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

### *8.1 MITA Connection*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li hemm bżonn li jkun hemm *connectivity* tal-MITA fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun. Din tinvolvi spiza ta' darba ta' €502 u spiza ta' kull sena ta' €2,300. Permezz ta' din is-sistema, kull kompjuter ikun imqabbad ma' Internet ta' 35Mbps. Apparti minn hekk, ikun hemm monitoraġġ 24/7.

Din ġiet approvata unanimament mill-membri tal-Kumitat.

### *8.2 Internship*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjeja li r-Reġjun applika biex ikollu student barrani fl-uffiċċju amministrattiv biex jgħin lill-istaff f'xogħolhom. Dan l-istudent ser ikun provdut mill-kumpanija Future Focus Ltd. minn nofs Jannar 2015 sa nofs April 2015. Dan ser ikun mingħajr ħlas peress li huwa taħt skema mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.

### *8.3 Aġġornament – Accounts Officer*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri tar-Reġjun li għas-sejħa għall-Accounts Officer taħt Part 2 u Part 3 ma applika ħadd u allura l-pass li jmiss kien li s-sejħa tinħareġ esternament. Qegħdin nippreparaw biex dan l-avviz jintwera f'gazzetta lokali u wara jsiru l-intervisti.

### *8.4 Skrivani*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lir-Reġjun li nhar il-Ħamis 4 ta' Diċembru 2014, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, irċeviet konferma mid-Dipartiment kif ukoll mill-ETC biex tinħareġ is-sejHa għal żewġ skrivani fuq bazi full time ta' Skala 13 biex jissostitwixxu ż-żewġ ħaddiema fuq bazi part time li qabżu s-60 sena. Is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet email lill-Kunsilli Lokali kollha b'din is-sejħa interna. Għal din ir-raġuni għandu jerġa' jinħatar Bord tal-għażla.

Il-bord ser ikun kompost mill-President, is-Sur Peter Bonello, il-Viċi Sindku, is-Sur Stefan Cordina, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, is-SIndku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, u l-Kunsillier tal-Gzira, is-Sur Joe Camilleri.

### *8.5 Attendenza tal-laqgħat*

Il-President, is-Sur Peter Bonello xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-membri tar-Reġjun fuq l-attendenza tal-laqgħat. Il-membri ta dan ir-Reġjun għandhom isegwu l-Artiklu Nru 18 tal-Att 363

"**18.**Il-kunsillieri għandhom jattendu l-laqgħat kollha kif provdut taħt dan l-Att u l-Ministru għandu, wara li jkun mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv, b'avviż iffirmat minnu u indirizzat lis-Segretarju Eżekuttiv, jiddikjara li post ikun vakanti jekk kunsillier jonqos li jattendi għal erba' laqgħat konsekuttivi tal-Kunsill jew b'kollox ikun naqas għal iktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fi żmien sitt xhur u fil-fehma tal-Ministru dik l-assenza ma kenitx ġustifikata:

Iżda meta Kunsillier kien hekk assenti, u qabel ma jgħarraf lill-Ministru kif imsemmi qabel, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jgħarraf lis-Sindku b'dak li jkun ġara u s-Sindku għandu malli dan iqiegħed il-kwistjoni fl-aġenda tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa jekk l-assenza ta' dak il-Kunsillier kenitx dovuta għal xi raġuni ġustifikata:

Iżda ukoll meta l-kunsill ikun irrisolva li n-nuqqas ta' attendenza jkun għal raġuni ġusta, is-Segretarju Eżekuttiv, meta jgħarraf lill-Ministru bin-nuqqas tal-kunsillier, għandu wkoll jagħtih ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-Ministru ma jiddikjarax dak il-post vakanti.

Il-Viċi Sindku, is-Sur Stefan Cordina ssuġġerixxa li għandha tintbagħat email b'attendenza.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li riċentament inħarġet Memo fuq l-attendenza fil-laqgħat.

Għalhekk is-Sur Cordina ssuġġerixxa li din il-Memo għandha tintbagħat lill-Kunsilli Lokali kollha li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

**9. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Is-Sur Joe Camilleri, sekondat mis-Sur Dominic Cassar ressaq mozzjoni sabiex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq l-iskeda tal-pagamenti Nru. 51 Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**10. TMIEM**

Fis-7.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President